MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru 253/2012

**Il-Pulizija**

**(Spt. Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Marco Debono**

**Josepha Debono**

**Illum 17 ta' Jannar 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati [Marco Debono ID No. 23381G u Josepha Debono ID No. 8683G] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

talli nhar l-10 ta’ Marzu 2010 u anki fiż-żminijiet ta’ qabel din id-data fil-fond bl-indirizz “Amethyst”, Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex u/jew f’dawn l-inħawi:

1. Mingħajr liċenzja ta’ l-awtorita’ sanitarja illi tiswa mhux aktar minn sena, żammew żiemel;

2. Bħala sidien ta’ żiemel/żwiemel naqsu li matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta’ Jannar ta’ kull sena jirrapurtaw lill-ogħla uffiċjal tal-pulizija li jservi fl-eqreb Għassa tal-Pulizija tad-distrett, in-numru ta’ dawn l-annimal/i fil-pussess tagħhom u jgħidu fejn iżommuhom;

3. Naqsu li jirraportaw kull żieda fin-numru ta’ annimali kemm bi twelid, kif bidiet u tnaqqis ukoll b’xiri, b’bejgħ jew mewt jew qatla;

4. Bħala persuni li jokkupaw dar f’post abitat iddepożitaw żibel jew ippermettew li xi kwantita ta’ ilma maħmuġ, ilma mħassar jew ilma qiegħed jinġabar f’xi parti ta’ dar bħal dik;

5. Bħala persuni li jokkupaw bini jew post abitat li fih jew fuqu jinżammu xi żiemel jew bhima tal-ġarr jew ta’ tagħbija jew xi baqar jew qżieqeż naqsu li jaraw li d-demel ji jiġi prodott f’dak il-post jigi mneħħi tliet darbiet fil-ġimgħa fix-xhur ta’ Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru u darbtejn fil-ġimgħa fix-xhur l-ohra;

6. Ħallew, bi traskuragni, jidħol żibel, tajn jew ħwejjeġ oħra li jagħmlu ħsara jew deni, ġewwa l-għejjun, l-akwedotti jew postijiet oħra magħmulin biex fihom jinżamm l-ilma pubbliku, jew illi ilma jinten jew ħwejjeġ oħra li jagħmlu deni jnixxi f’dawn l-għejjun, akwedotti jew postijiet ohra, minn fosos, kanali jew bnadi oħra, jew illi ssir xi ħaġa oħra li biha l-ilma pubbliku jitħammeġ jew ma jibqax tajjeb għas-saħħa, jew xeħtu jew ħallew li jixxerred xi żibel bi traskuraġni jew xi ilma mdennes jew maħmuġ jew xi ħaġa oħra li tagħmel deni fil-ħofra fejn jaqa’ l-ilma ta’ xi għajn pubblika;

7. Irmew, tefgħu jew ħallew jew xort’oħra jqattar jew jiddepożita xi żibel f’xi post pubbliku, triq, baħar jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u tħollija ma kienx awtorizzat b’liġi;

8. U aktar talli gabu ruhom (a) b'mod li taw fastidju lil persuna oħra u (b) b'mod li kienu jafu jew imisshom kienu jafu li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' April, 2012, li biha, fuq nuqqas ta' provi lliberat lill-appellati mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara n-nulita` tas-sentenza jew tikkanċella u tħassar s-sentenza appellata u ssib ħtija fl-imputati appellati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornati tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Krirninali, għaddiet għad-deċiżjoni tagħha u l-konsegwenti liberazzjoni ta' l-imputati appellati minn imputazzjonijiet miġjuba kontrihom:

1) Wara li l-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti ma kienx l-istess Magistrat li sema' x-xhieda tal-prosekuzzjoni personalment; kif ukoll

2) Saret interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi;

Fuq l-ewwel aggravju diġa’ ngħatat sentenza.  Għalhekk jibqa’ t-tieni aggravju biss.

**2) <u>Interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta jew inkompleta ta’ l-ipotezi tal-ligi.</u>**

Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, qiegħed umilment jiġi sottomess li l-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-imputati appellati rninn kull imputazzjoni migjuba kontrihom minħabba li jew ma ikkunsidratx l-liġi jew meta ikkunsidrat il-liġi għamlet konsiderazzjoni skorretta jew inkompleta.  Għalhekk dan it-tieni aggravju huwa appell mhux fuq il-fatti imma fuq punt ta’ dritt.

**i. L-ewwel tliet imputazzjonijiet**:

Illi rigward l-ewwel tliet imputazzjonijiet, il-Qorti naqset milli tikkonsidra kompletament: il-ligi li kellha tigi applikata fir-rigward.   Dan huwa evidenti fis-sentenza appellata.

Il-Qorti tal-Magistrati għamlet referenza ghal dak li qal ir-rapprezentant tal-Awtorita’ Sanitarja f’Ghawdex u, għal verbal irreġistrat mill-avukat tal-Parte Civili Dr Kevan Azzopardi.  Illi r-rapprezentant ta’ l-Awtorita’ jgħid li ma kellux idea jekk ghadx hemm obbligu li ż-żwiemel jiġu registrati.  Fuq din l-assunzjoni il-Qorti ikkonkludiet li ma jeżisti l-ebda registru u l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova in sostenn ta’ l-ewwel, it-tieni u it-tielet imputazzjoni. Dr Kevan Azzopardi ghall-parte civili iddikjara li skond PS 1346 ma kien jezisti l-ebda registru li fih jigu reġistrati żwiemel. Konsegwentement illiberat lill-imputati appellati.

Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti la l-Artikolu 126 tal-Kap 10 u lanqas l-artikolu 2 u 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.07 **ma jirrikjedu z-zamma ta’ Registri. Illi dawn l-artikoli jimponu primarjament zewg obbligi. Wiehed li jekk se trabbi ziemel irid iġib** liċenzja maħruġa minn għand l-Awtorita’ Sanitarja.  It-tieni hi li fl-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta’ Jannar ta’ kull sena trid taghmel rapport lill-oghla ufficjal tal-Pulizija li jservi fl-eqreb Ghassa tal-Pulizija. Illi mill-provi jirrizulta b’mod car li l-imputati appellati ma kellhom l-ebda licenzja minn ghand l-Awtorita’ Sanitarja u ma ghamlu l-ebda rapport mal-pulizija.

Illi f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputati appellati fid-dati tal-imputazzjonijiet kellhom il-permessi necessarji, u lanqas ma jidher li saru r-rapporti fl-għassa. Għaldaqstant l-esponenti ma jistax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-imputati appellati jekk mhux ghax naqset kompletament li tikkonsidra l-elementi rikjesti mil-ligi.

**ii. Ir-raba' (4), il-hames (5), is-sift (6) u seba' (7)**

Illi fir-rigward ir-raba' (4), is-sitt (6) u seba' (7) imputazzjoni l-ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-każ naqset li tagħmel interpretazzjoni sħiħa tal-ligi meta giet biex tapplika il-fatti għal-ligi.

Illi joħroġ ċar mis-sentenza li l-Qorti strahet kompletament fuq dak li qal l-Perit Tekniku li meta għamel l-aċċess fuq il-post ma irrizultalux li kien hemm xi inkonvenjent ta' rwejjaħ jew kumolu ta' ħmieġ. Bir-rispett kollu, l-perit tekniku irrelata fuq dak li sab fis-sena 2011 meta l-allegat misfatt imur lura ghal Marzu 2010 u żminijiet qabel. Apparti dan il-Qorti kif kienet preseduta dakinhar tas-sentenza ma kellhiex l-istampa kollha tal-kaz stante li ż-żewġ kwerelanti Eucharist Portelli u Marvin Cauchi xehdu quddiem Magistrat differenti. Allura il-Qorti ma kellhiex stampa kompleta ta' dak li kien qiegħed jiġi allegat u illimitat ruħha biss għal dak li qal il-perit tekniku. Dan wassal lill-Qorti sabiex tillibera lill-imputati appellati mingħajr ma l-Qorti ikkonsidrat id-diversi ipotesijiet li jinsabu fir-regolamenti 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.05, fl-artikolu 151 tal-Kapitolu 10 u tar-regolament 4 tal-Avviz Legali 344 tas-sena 2005.

L-istess ġara fir-rigward il-hames (5) imputazzjoni. Hija ovja li l-Qorti kellha tillibera minn din l-imputazzjoni lill-imputati appellati jekk hija ikkunsidrat biss dak li qal l-perit tekniku u skartat ghal kollox dak li qalu l-kwerelanti fuq x'kien jiġri fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni. Illi ta' min jgħid ukoll li l-Perit tekniku ma kienx mogħti l-fakulta' li jagħti l-ġurament sabiex jisma' ix-xhieda u allura dak kollu li irrellata fuq dak li qal ħaddieħor jikkostitwixxi detto del detto u ma jistax iservi ta' prova quddiern din il-Qorti. Apparti dan, l-ebda aċċess ma sar bil-lejl meta l-ilment prinċipali kien jikkonsisti f'inkonvenjent ta' ħsejjes matul il-lejl u is-sigħat bikrin ta' filgħodu.

**iii. It-tmien (8) imputazzjoni**

Rigward ir-reat tal-fastidju il-Qorti tal-Maġistrati għamlet referenza għall-bran li ħasset li huwa verament importanti mis-sentenza l-Pulizija (Spt. A. Cachia) vs Massimo Tivisini u wara l-Qorti iddikjarat li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jirriżultax li fil-kawża odjerna dan ir-reat ġie sodisfaċentement pruvat. Ir-raġuni pero'

għalfejn il-Qorti waslet ghal din il-konklużjoni ma tirrizultax fis-sentenza tagħha. Dan kien il-każ ukoll f'Pulizija (Spt. Edmond Cuschieri) vs Edward Cassar. F'sitwazzjoni sirnili d-dritt ta' l-Appell ta' l-Avukat Ġenerali ġie attakkat peress li fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma kien hemm l-ebda enuncjazzjoni ħażina tal-liġi. Nonostante dan il-fatt, l-Avukat Ġenerali kien appella għax fl-opinjoni tiegħu kien ċarissimu li l-Qorti kienet interpretat ħażin il-liġi jew kienet interpretat b'mod inkomplet. F'din is-sitwazzjoni l-Qorti Kriminali għarfet dan id-dritt u qalet is-segwenti:

> 'Kwindi din il-Qorti m'għandhiex il-konfort tal-ħsieb tal-Ewwel Qorti li wassluha għal-liberatorja tal-imputat u għalhekk ma tistax tgħid jekk dawn il-ħsibijiet kinux legalment korretti jew le.
>
> Peress illi f'Awla ta' Qorti huma l-provi li jiddeterminaw htija o meno jkun perikoluz li jigi priv dritt ta' doppju ezami fuq assunzjoni li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat l-aspett legali tal-kawza b'mod korrett.
>
> Din il-Qorti ma tista' tassumi xejn, la naha u lanqas l-ohra. Hu a skans ta' periklu ta' xi "traversity of justice" ikun aktar ekwu li l-bilanċ jaqa' favur rikonsiderazzjoni tal-kawża biex b'hekk jiġu assigurati d-drittijiet ta' kulħadd involuti'

Huwa propju dak li ġara f'dan il-każ. Il-Qorti tal-Magistrati kif preseduta dakinhar tas-sentenza ma kinetx f'pożizzjoni li tiddeċiedi dan il-każ b'mod ġust minħabba li x-xhieda prinċipali ma tawx id-depożizzjoni tagħhom quddiemha.

It-' traversity of Justice' f'dan il-każ hija waħda ċara. Hija inġustizzja li jkollok każ bħal dan fejn ikollok żewg persuni li jkunu ilhom żmien jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom li jgħixu fil-paċi ta' darhom u l-Qorti tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha li ma kien hemm l-ebda fastidju mingħajr ma tkun taf x'qalu dawn iż-żewġ minn nies. **Allura bilfors li l-Qorti interpretat il-ligi b'mod ħażin, jew b'mod inkomplet, stante li din applikat il-ligi wara li evalwat parti mill-provi li tressqu quddiemha.**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jissottometti li dan huwa punt ta' dritt u dan minħabba li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Liġi kienet skorretta jew inkompleta.

Il-Qorti eżaminat il-ġurisprudenza dwar dan il-punt. Filfatt fis-sentenza tal-Appell Kriminali tal-25 t'Ottubru 1984 'Il-Pulizija vs Gaetano Cuschieri et' il-Qorti kienet qalet hekk:

'Biż-żmien il-Qorti tal-Appell Kriminali u qabilha l-Qorti Kriminali (sede Appell) estendew il-każ fejn il-Maġistrat ikun illibera lill-imputat għaliex ikun irritjena li ma kinux jikkonkorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat, biex jinkludi fih ukoll il-każ meta l-Maġistrat ikun applika għall-fatt enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat. B'ġurisprudenza kostanti, għalhekk, ġie konċess ukoll id-dritt tal-appell lill-Avukat Ġenerali anke fuq punt ta' dritt.'

F'sentenza oħra, din id-darba tal-20 ta' Frar, 1986 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Georgia Zammit' il-Qorti kienet qalet hekk:

'Meta l-Avukat Ġenerali jappella minħabba 'enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-Liġi' jew error juris, malli l-enunċjazzjoni denunzjata bħala ħażina tiġi minflok rikonoxxuta bħala korretta, allura jekk l-appell ma jkunx ibbażat fuq xi inċiż ieħor tal-artikolu 425 (illum 413), l-appell jieqaf hemm. Il-kelma 'fatt' użata fl-artikolu 425(illum 413) (1)(b)(iv)) tirreferi kemm għall-fatti imputati kif ukoll għal dawk li jirriżultaw. Fl-ewwel każ hu prospettat il-każ fejn il-Qorti, bla ma tisma' prova, tiddeċiedi li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta' reat u llura hemm l-

appell tal-Avukat Ġenerali u dan ikun appell purament fuq punt ta’ dritt. Similment, jekk wara li jinstemgħu l-fatti tiġi applikata ħażin il-liġi, ikun propjament qed jiġi deċiż li l-fatti ma jikkostitwux reat mhux għax neċessarjament huwa hekk iżda għax tkun saret enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-Liġi. F’dan il-każ l-appell ikun mogħti lill-Avukat Ġenerali jekk veru jkun sar dan l-error juris biss.’

L-abbli avukat difensur ma qabilx mal-aggravju u mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali. Anzi **baqa’ jsostni** li d-dritt tal-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jkun radikat u li fil-fehma tal-avukat difensur l-Avukat Ġenerali ma kellux dritt li jappella taħt l-artikolu 413 tal-kap 9. L-Avukat Ġenerali wieġeb li dan il-punt kien sorvolat bis-sentenzi preliminari mogħtija.

Sa fejn kellu x’jaqsam l-Appell 254/12, il-Qorti kienet ċaħdet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali u għalhekk il-kumment li għamel l-Avukat Ġenerali fuq dak l-appell ma kienx eżatt. Iżda meta, fit-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali, kien qed jirreferi għal **dan** l-appell, kien qed ikun aktar eżatt għaliex il-Qorti kienet diġa’ annullat l-ewwel sentenza minħabba li l-Maġistrat ma kienx sema’ l-provi kollha hu u dawk li ma semax ma kinux reġistrati. Dan minnu nnifsu huwa **punt ta’ dritt** għaliex kif sew qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta :

‘in-nuqqas tal-ġudikant li jisma’ l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta għal aktar minn sempliċi nuqqas ta’ formalita, sostanzjali jew xort’oħra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali. Tali nuqqas jinċidi fuq **is-sustanza** tal-proċedura kollha adoperata mill-Ewwel Qorti.’[1] (sottolinear tal-Qorti li tat is-sentenza u mhux ta’ din il-Qorti)

Dwar dan l-appell il-Qorti tista’ toqgħod fuq dak li għadu kif ingħad għala l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa radikat. Infatti dan il-punt - in-nuqqas ta’ smigħ sħiħ tal-provi kollha mill-istess ġudikant - huwa l-bażi tal-argumentazzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-bqija tal-appell . U dan il-punt legali jolqot l-imputazzjonijiet kollha.

[1] Il-Pulizija vs Helga D’Alessandro Qorti tal-Appell Kriminali 2 ta’ Settembru 1999.

Iżda dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet b'mod partikolari, din il-Qorti qed iżżid l-osservazzjoni li għamlet fid-deċiżjoni dwar l-appell 254/2012. Il-Qorti eżaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-24 t'April, 2012 fl-ismijiet premessi u xtarret sew

ir-ratio tal-Ewwel Qorti. A fol 110 ta' dan il-proċess jidhru l-istess raġunamenti li użat il-Qorti hija u tiddeċiedi s-sentenza li għandha x'taqsam mal-appell numru 254/12. A skans ta' repitizzjoni l-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti fl-appell imsemmi:

'Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi li kif inhi espressa din il-parti tas-sentenza mill-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed jista' jinterpretaha li l-Qorti kienet qed tqis iż-żamma tar-records bhala **sine qua non** kemm għall-ewwel imputazzjoni kif ukoll għat-tieni.'

Fil-każ ta' dan l-appell l-istess deċiżjoni tgħodd għat-tielet imputazzjoni wkoll.

Ikkonsidrat

Smigħ tax-xhieda kollha

Għalhekk il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda kollha fis-seduta tal-11 t'Ottubru, 2013 liema xhieda kienet qed tinstema' kontestwalment għaż-żewġ appelli:254/12 u 253/12. Imbagħad f'kull appell tirreferi għax-xhieda relevanti għal dak l-appella partikolari.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Eżaminat id-dokumenti kollha prodotti, inklużi r-ritratti, is-CD u l-isketch.

Ikkonsidrat

Minn dawn ix-xhieda rriżulta dan li ġej:

PS 369 Joseph Mizzi esibixxa affidavit (fol 31 Appell 254/12) fejn huwa jgħid hekk:

'Ngħid li l-persuna Marco Debono ID 23381G m'għandu l-ebda żiemel irreġistrat mal-Pulizija.' (fol 31 Appell 254/12).

A fol 34 tal-appell 254/12 jidher verbal fejn Dr Kevan Azzopardi rrefera għal dak li kien xehed PS 1346 Anton Schembri li kien qal li ma jeżistix reġistru li fih ikunu reġistrati żwiemel mill-ogħla uffiċjal tal-Pulizija. Id-difensur tal-imputati kien qal li ħadd ma jista' jagħmel l-impossibbli.

**PS 715 Lucian Gatt** xehed li fl-4 ta' Marzu 2010 kien mar ċertu Eucharist Portelli fl-għassa tar-Rabat Għawdex. Dan huwa sid tar-Ruby Pastizzeria li tinsab fi Triq in-Neolitiċi Għawdex. Għal dawn l-aħħar sentejn kien imdejjaq minn riħa qawwija ta' mediċini li kienet tintuża fuq iż-żwiemel. Din ir-riħa kienet ġejja mill-garaxx tal-ġarr tiegħu Marco Debono. Id-Dipartiment tas-Sanita' kienu qalulu li ma kinux jidħlu f'dan il-każ partikolari. Meta kellem lill-Ispettur Josric Mifsud, dan qallu li kien ser jieħu ħsieb ta' kollox għaliex kellu kwerela minn għand l-avukat ta' Portelli. Ix-xhud kien mar fuq il-post xi tlitt ijiem wara u l-garage kien magħluq.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li d-dokument li jidher a fol 27 tal-appell numru 253/1 kien rapport li kien ħejja x-xhud stess.

Xehed ukoll **ex PS 1346 Anton Schembri** li qal li fis-17 t'Ottubru 2009 kien mar l-għassa ċertu Marvin Cauchi (ID 2782G) fejn irraporta li huwa u martu Melissa kienu qed jiddejqu bil-ħsejjes ta' żiemel li ċertu Marco Debono kien qed iżomm garage maġenb il-fond tagħhom. Kienu qalu wkoll li l-istess Marco Debono kien qed iniegħel iż-żwiemel mingħajr il-permessi neċessarji. Ix-xhud mar fuq il-post fis-2.25 ta' wara nofs in-nhar tas-17 t'Ottubru, 2009.

(Okkorrenza paġina 8 Appell 253/12). Marco Debono kien qed iniegħel żiemel waqt li Marlon Buttigieg kien qed iżomm iż-żiemel.

**Marco Debono** qal li hu ma kellu ebda permess biex iniegħel iż-żwiemel iżda hu ma ħtieġlu ebda permess għax ma kienx qed iniegħel iż-żiemel għal xi ħlas. Marlon Buttigieg kien ikkonferma dak li qal Marco Debono.

Ix-xhud ma ra ebda żiemel ieħor u ebda kumulu ta' demel fil-garage. Iżjed lura, fil-bitħa ta' wara, kien qed jinżamm żiemel iżda dan ma kien qed jagħmel ebda ħsejjes jew taħbit. Marco Debono kien innega li ż-żiemel iħabbat filgħodu jew filgħaxija. L-Animal Welfare Department kienu qalulu li ma jeħtieġ ebda permess biex iniegħel iż-żwiemel. L-artikolu li kien hemm fil-Kap 10 dwar biex wieħed iżomm annimal irid jieħu ħsieb li ma jdejjaqx lill-ġirien ma kienx in vigore. Għalhekk ma setax jieħu passi taħt dan l-artikolu. Il-post kien residenzjali.

Huwa kkonferma l-okkorrenza li tidher a fol 8 tal-Appell Numru 253/12. Il-Pulizija kienu pproċedew minħabba kwerela.

Xehed ukoll **Joseph Borg**, senior principal Environment Health Officer li qal li kien is-sur Dominic Formosta li investiga l-każ. Huwa qal li kien daħal complaint fil-11 t'Awwissu tas-sena 2009 minħabba irwejjaħ u xi akkumulu ta' animal dung f'garage li jismu 'Annelist Garage', Aniċi Street, Victoria. Il-kwerela kienet investigata fid-19 t'Awwissu 2009. Is-sur Formosa innota xi kumulu u bagħat avviż biex jitneħħa l-kumulu pero' ma kinux innutati rwejjaħ b'riżultat taż-żamma ta' żiemel. Huwa żied jgħid li fl-uffiċju tiegħu ma kien hemmm beda reġistru jew records dwar żwiemel li jinżammu ġo postijiet bil-liċenzja tal-awtorita' sanitarja. Lanqas f'Malta ma jeżistu tali reġistri. Huwa kien mar fuq il-post fl-20 t'Ottubru, 2009 f'xi l-għaxra u kien innota li kien qed jinżamm żiemel ġo kamra fil-bitħa.

Id-difiża rreferiet għall-kontro-eżami li kien sar fis-17 ta' Jannar 2012 (fol 67 tal-Appell Numru 253/12) u ssottomettiet li ma kellhiex x'iżżid aktar. Huwa kien qal li ma kinux jiġu reġistrati żwiemel magħhom (fol 67). Lanqas kellhom records antiki li juru li ż-żwiemel kienu jiġu

reġistrati magħhom. L-artikolu 125 tal-Kap 9 kien ġie revokat fis-sena 2001. Kien infurmat li l-artikolu 126 huwa ineffettiv minħabba li kein tneħħa l-artikolu 125.

Xehed is-**sur Dominic Formosa**, spettur sanitarju. Dan qalu li dwar iż-żamma taż-żiemel fi Triq in-Neolitiċi kienu saru żewġ ilmenti. Kien mar fuq il-post, ħabbatt, u ma fetaħ ħadd. Imbagħad bagħat ittra lis-sid 'to call at the office.' Kien għamel spezzjoni fid-19 t'Awwissu iżda ma sabx ħmieġ partikolari la ġewwa l-garage u lanqas fil-bitħa. Lanqas il-friex ma kien maħmuġ. Imbagħad ċerta Eucharist Portelli għamel ilment ieħor dwar riħa tinten li kienet assoċjata ma' żamma ta' xi żiemel (15 t'Ottubru 2009). Kien għamel spezzjoni fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar. Ma sab eda kumulu ta' demel. Dwar riħa kien hemmm ċerta riħa mhix pjaċvoli meta mar fit-tieni appuntament.

Id-difiża hawn rrimarkat li peress li dawn kienu kontravenzjonijiiet, allura tidħol il-preskrizzjoni.

Xehed **Charles Bonnici**, senior Principal Environmental Health Officer. Huwa qal li fl-20 t'Ottubru 2009 kienu telgħu għal arrieda minn Malta. Huma kienu ġagħlu lil Josepha Debono tiftaħ il-post fejn kien hemm iż-żiemel. Ma kienx irriżulta kumula ta' ħmieġ. Kien instab ftit demel fl-għalqa tal-faċċata u nħareġ avviż uffiċjali biex jitneħħa dan id-demel. Dan kien tneħħa wkoll. Huwa kkonferma l-ittri li jidhru a fol 22 u 23 tal-appell 253/12. (Ara wkoll id-dok.MC1 fol 7 Appell 253/12 u fol 22 u 23).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-allegazzjoni kienet saret mis-sur Marvin Cauchi.

Xehed ukoll **Eucharist Portelli**. Dan qal li hu kien ilu jiġġestixxi pastizzerija mis-sena 2004. Fl-2006 inbena garaxx u bdiet issir stalla sakemm kien hemm tnejn, waħda fuq wara u l-oħra fuq ġewwa. Huwa tkellem bis-sewwa mal-ġirien u wegħduh li kienu sejrin ineħħuhom. Bdew iħammġu t-triq quddiem il-bieb u bdew jiġu ħafna rwejjaħ. Bdew iniegħlu wkoll u jaħarqu d-difrejn. Anke llum il-ġurnata tinxtamm. Meta kien mar Dominic Formosa fuq il-post, dan kien qal li r-riħa ġejja minn ġol-post ta' Josepha Debono. Faċċata tal-garaxx tiegħu hemm għalqa fejn l-imputati kienu jarmu d-demel. Huwa kien ra 'l Josepha tarmi d-demel għal ġol-għalqa.

Għal dak li hu numru ta' żwiemel, gieli kien hemm tlieta jew erbgħa li ġieli semagħhom iħabbtu.

Ara wkoll fol 28 fl-okkorrenza fejn huwa indikat li r-rapport kien sar **fl-4 ta' Marzu 2010.** Ix-xhud kien qal li kien ilu jbati mir-riħa għal sentejn.

Fil-kontro-eżami huwa nnega li xi darba kien talab xi demel lill-appellat iżda qal li huwa kien juża d-demel fl-għelieqi. Huwa qal ukoll li ma kienx mar jirraporta l-għassa minħabba li l-appellat kien qal li ser ineħħihom.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li l-appellat kien ħebb għalih, beda jgħajjat miegħu u joffendih. Il-pastizzerija tiegħu kienet liċenzjata.

Xehed ukoll **Marvin Cauchi** li qal li d-dar tiegħu tiġi bieb ma' bieb ma' dik tal-appellat. Bejn il-ġnien tiegħu u d-djar kien hemm stalla u paddock (bitħa żgħira) li llum sar ġnien. Kien hemm djar oħra ħdejn is-sit arkeoloġiku u djar oħra 'aktar 'il quddiem.' Kien hemm ukoll spiera li tiġi komuni bejn l-imputati., il-familja tax-xhud u terzi persuni. (Hawn saret referenza għad-dokumenti MC1, MC2, MC3 (li jinsabu fil-proċess 254/2012 waqt li dawk li jibdew minn MC4 qegħdin fil-proċess 253/2012 fol 29 sa 38). Dawn kienu kkonfermati mix-xhud li kien ippreżenthom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Meta x-xhud iżżewweġ f'Ġunju tas-sena 2008 sar jaf x'jiġifieri jħabbat żiemel bil-lejl. Ħames darbiet fil-ġimgħa jarma ż-żiemel tiegħu fil-05.30am u joħroġ bih għat-training u jqajjem lix-xhud mill-irqad. Fid-dar it-tisbit jirbombja. F'Lulju tas-sena 2008 beda l-inkwiet fuq l-istorbju taż-żiemel. F'Settembru kien qal lill-appellat biex l-appellant jara x'jista' jagħmel u l-appellat wiegħed li kien ser jipprova jsolvi l-problema. Fis-sena 2009 l-appellat kien jitlaq iż-żwiemel f'għalqa fi Triq Aniċi u ż-żiemel jew żwiemel beda jdejjaq / idejqu lil mart ix-xhud il-jum kollu. Imbagħad, fis-sajf 2009, iż-żwiemel bdew joqogħdu fid-dar ta' maġenbhom il-jum kollu. Żdied il-ħmieġ ukoll bl-appellata tkaxkar id-demel u titfgħu fl-istalla. **Saħansitra kien ħadilha video tagħmel dan**. Fid-dar kienet tidħol riħa tinten. Fir-ritratti ppreżentati jidhru żewġt iżwiemel isabbtu fil-bitħa. L-ispiera sfat ikkontiminata. L-appellat kien iniegħel iż-żwiemel regolarment u kien joħroġ id-duħħan waqt il-ħruq. Illum l-istalla saret domestic store. Lill-espert kien qallu li ż-żiemel kien beda jħabbat wara l-10.30pm.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-'ġlieda' ta' bejnu u l-appellat kienet seħħet fis-sena 2008. Ix-xhud qal li ż-żwiemel kienu għadhom jidħlu hemm. Minkejja t-twapet li saru fil-garage xorta jinstemgħu ż-żwiemel.

Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti kollha (inkluż id-dokument MC 13 a fol 37 tal-appell numru 253/12 li juri, li wara li sar test tal-ilma fid-dar tax-xhud Marvin Cauchi ntqal li 'Water is unfit for human consumption due to presence of e.coli – data tar-rapport 3 ta' Marzu 2010) kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti (a fol 44 tal-appell numru 253/12) li kien maħtur mill-Qorti fil-25 ta' Jannar 2011. Dan l-espert aċċeda diversi drabi fuq il-post (ara l-paragrafu li jmiss) u ma rriżultax li kien hemm xi rwejjaħ jew kumulu ta' ħmieġ. Lanqas ma rrriżultaw xi ħsejjes taż-żwiemel . Huwa osserva li kien hemm diversi twapet tal-lastiku fil-garage u ordna lill-appellata tmexxi ż-żiemel fuq il-wiċċ tal-konkos fil-garage fejn ma kienx hemm twapet. Il-garage tal-kwerelanti u dak tal-appellati huma adjaċenti għal xulxin b'ħajt tal-appoġġ komuni filwaqt li r-residenza talp-kwerelanti tinsab fis-sular soprapost għall-garage tal-istess kwerelanti. L-espert qal li meta ż-żiemel tmexxa fuq il-wiċċ tal-konkos dan bl-ebda mod ma nstema' li kien qed joħloq xi inkonvenjent ta' ħsejjes għall-kwerelanti. L-espert issuġġerixxa li jinxtraw aktar twapet. Il-kwerelant kien qal lill-espert li meta tressaq l-ilment is-sitwazzjoni kienet ferm agħar.

L-aċċessi saru fl-1 t'April, 2011 fit-8.00pm, fit-2 t'April, 2011 fl-10.00 am u fil-11 t'April, fl-10.00 am.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell fih tmien imputazzjonijiet.

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi għal dak li qalet fl-appell 254/2012 dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ta' dan l-appell minħabba li dawn huma identiċi. Dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet il-Qorti mhux qed issib lill-appellati ħatjin.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni taqa' taħt ir-regolament numru 3 tal-Avviż Legali Numru 7 tal-Kap 10.

Ir-regolament jgħid dan li ġej:

*'Kull żieda fin-numru ta' annimali, kemm bi twelid kif żidiet u tnaqqis ukoll b'xiri, u kull tnaqqis, sew b'bejgħ jew mewt jew qatla, għandhom ukoll jiġi rraportati; kull animal mibjugħ jew għall-qatla għandu jiġi kunsidrat bħala maqtul, u annimali li, fil-ġranet fuq imsemmija, għad ma jkollhom xahar m'għandhomx jingħaddu.'*

Għal darb'oħra mill-atti u mix-xhieda kollha ppreżentati ma nġabet ebda prova li l-appellati ma kinux konformi ma' dan ir-regolament. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellati minn din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni taqa' taħt ir-regolament 2 tal-Avviż Legali Numru 5 tal-Kap 10.

Dan l-artikolu jgħid hekk:

Projbizzjoni li jinżamm żibel f'dar

'2 Ebda persuna li tkun tokkupa dar f'post abitat m'għandha tiddepożita żibel jew tippermetti li xi kwantita' ta' ilma maħmuġ, ilma mħassar jew ilma qiegħed jinġabar f'xi parti bħal dik.'

Għandu jingħad li permezz tal-Avviż Legali 188 tas-sena 2013, ir-regolamenti 10.5 kienu revokati.

Iżda skont l-artikolu 12(1)(d) tal-Att dwar l-Interpetazzjoni, it-tħassir ta' Att – kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju – m'għandux jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbilta' għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk.

L-Ewwel Qorti ġabret ir-raba', is-sitt u s-sebgħa imputazzjoni u qalet li mill-provi mressqa ma jirriżultax dak li l-imputati ġie addebitat lilhom.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ir-regolament kienet intiża għal dak li jsir fid-dar stess ta' min ikun qed jabita. Dan m'għandux iħalli żibel jew ilma maħmuġ jinġabar f'xi parti tad-dar.

Huwa tassew li Marvin Cauchi ippreżenta rapport li sar fit-3 ta' Marzu, 2010 li juri li fid-dar tax-xhud kien hemm 'Water unfit for human consumption due to the presence of e.coli. '

Dan ir-rapport mhux magħmul minn espert maħtur mill-Qorti. Lanqas fih il-prova li l-e.coli kien ir-riżultat tal-attivita' tal-appellati.

Dwar iż-żibel Marvic Cauchi jgħid li kien żdied il-ħmieġ ukoll bl-appellata tkaxkar id-demel u titfgħu fl-istalla.

Il-Qorti rat kemm ir-ritratti kif ukoll is-CD għal darba, darbtejn. Mid-dati li jidhru fis-CD – mill-gazzetta li min ħa l-film ried juża għall-indikazzjoni tad-dati – jirriżultaw dawn it-tliet dati: 25 ta' Lulju, 2009; 28 ta' Lulju, 2009 u 20 t'Awwissu 2009. Min-naħa l-oħra r-ritratti huma datati 8 ta' Marzu 2009, 27 t'April, 2009, 16 ta' Ġunju 2009, 16, 06, 2009, 2 t'Ottubru, 2009 u 24 ta' Jannar 2010.

Skont iċ-ċitazzjoni t-time frame huwa fl-10 ta' Marzu 2010 u anki fiż-żminijiet ta' qabel. Id-difiża rribadiet kemm-il darba li peress li dawn huma kontravenzjonijiet, tapplika l-preskrizzjoni ta' tliet xhur. Prattikament id-dokumenti kollha barra wieħed huma qabel l-10 ta' Diċembru 2009. L-uniku ritratt li jaqa' fil-parametri huwa dak tal-24 ta' Jannar 2010. Fil-fehma tal-Qorti, dan ir-ritratt mhux biżżejjed biex wieħed jistabilixxi ħtija f'sitwazzjoni fejn ir-regolament ġie revokat. Barra dan wiehed ma jistax bil-fors jikkonkludi ta' min tassew huwa dak id-demel gialadarba z-ziemel ma jidherx fir-ritratt.

Għaldaqstant, il-Qorti mhix issib l-appellati ħatja ta' din l-imputazzjoni.

**Il-ħames Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni taqa' taħt ir-regolament 28 tal-Avviż Legali 10.05.

Dan ir-regolament kien jgħid hekk:

'Kull persuna li tokkupa bini jew post f'post abitat, li fih jew fuqu jinżammu xi żiemel jew bhima tal-ġarr jew ta' tagħbija jew xi baqar jew qżieżeż għandha tara li d-demel li jiġi prodott f'dak il-post jiġi mneħħi tliet darbiet fil-ġimgħa fix-xhur ta' Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru, u darbtejn fil-ġimgħa fix-xhur l-oħra, sakemm f'każijiet speċjali, Awtorita' Sanitarja ma tordnax it-tneħħija ta' dak id-demel issir aktar ta' spiss.'

Dan ir-regolament ukoll kien revokat bl-Avviż Legali 188 tas-sena 2013.

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li diġa' ntqal dwar ir-raba' imputazzjoni dwar l-effetti ta' revoka ta' regolament.

Mill-bqija din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma ġiex ppruvat li l-appellati naqsu milli jneħħu d-demel tliet darbiet jew darbtejn fil-ġimgħa fix-xhur indikati fir-regolament li issa huwa revokat.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-appellati minn din l-imputazzjoni.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 151 tal-Kap 10.

Dan l-artikolu jgħid hekk:

'Ħadd m'għandu jħalli illi, bi traskuraġni, jidħol żibel, tajn jew ħwejjeġ oħra li jagħmlu ħsara jew deni, ġewwa l-għejun, l-akwedotti jew postijiet oħra magħmulin biex fihom jinżamm l-ilma għall-pubbliku; jew ilma jinten jew ħwejjeġ oħra li jagħmlu deni jnixxu f'dawn l-għejjun, akwedotti jew postijiet oħra, minn fosos, kanali jew bnadi oħra; jew illi ssir xi ħaġ'oħra li biha l-ilma pubbliku jitħammeġ jew ma jibqax tajjeb għas-saħħa.'

Fil-fehma tal-Qorti dan ir-regolament huwa intiż biex jissalvagwardja l-ilma li jintuża mill-pubbliku in ġenerali. Fil-fatt il-kelma 'pubbliku' tidher darbtejn f'ħamest ivrus. Kliem oħra bħal 'akwedotti' jew 'għejun' ikomplu jsaħħu din l-interpretazzjoni.

Mill-provi li semgħet il-Qorti ssemmiet biss dwar x'seta' gara lill-ispiera li għandu Marvin Cauchi iżda ħadd ma xehed fuq xi kontaminazzjoni ta' għejun pubbliċi.

Għaldaqstant il-Qorti qed taqbel mal-Ewwel Qorti u qed issib li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx is-sitt imputazzjoni.

**Is-Seba’ Imputazzjoni.**

Din l-imputazzjoni taqa’ taħt ir-regolament Numru 4 tal-Avviż Legali 344/2005.

Dan ir-regolament jgħid hekk:

‘4.Ħadd ma jista’ jarmi, jitfa’, iħalli, jew xort’oħra iqattar jew jiddepożita xi żibel f’xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b’liġi.’

Mix-xhieda prodotta Eucharist Portelli li għamel ir-rapport fl-4 ta’ Marzu 2010 dwar ir-riħa li kienet qed iddejqu xehed li

‘Faċċata tal-ġaraxx tiegħu hemm għalqa fejn l-imputati kienu jarmu d-demel.’

Issemma wkoll xi rimi f’sit arkeoloġiku iżda jidher li ttieħdu passi u dan ir-rimi ma baqax isir aktar.

Iżda fil-proċess jew m’hemmx indikazzjoni taż-żmien ta’ meta l-appellati rmew ‘iż-żibel’ fil-postijiet imsemmija jew inkella, meta jidhru d-dati fis-CD jew fir-ritratti, dawn huma qabel l-10 ta’ Diċembru 2009 u għalhekk jekk saru l-kontravvenzjonijiet, dawn jitqiesu bħala preskritti.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-appellati minn din l-imputazzjoni wkoll.

**It-Tmien Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 251A tal-kap 9. Dan l-artikolu jgħid hekk:

**251A.** (1) Persuna li ġġib ruħha:

(*a*) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u

(*b*) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova

li:

(*a*) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

(*b*) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi

kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi

liġi; jew

(*c*) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

Il-Qorti ser tagħmel referenza għal x'jgħid lArchbold dwar l-artikolu Ingliż li jikkorrispondi għall-artikolu t'hawn fuq:

‘ In Pratt v DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the fact, it was held that two incidents three months apart, in the first to which the defendant threw a beaker at his wife, and in the second of which he chased her round their house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.’[2]

Għal dik li hija każistika Maltija, il-Qorti tirreferi għall-każ ‘Il-Pulizija vs Massimo Tivisini’ tas-27 ta’ Frar 2009. F’din is-sentenza hemm ukoll cross reference għall-każ ‘Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez tal-21 ta’ Ġunju 2007.

L-artikolu 251A kien introdott fis-sena 2005 u minn dak li jidher fit-test fih innifsu kif ukoll minn dak li rriżulta mill-każistika kemm Ingliża kif ukoll Maltija qed ikun interpetat fejn persuna tagħti fastidju lill-persuna oħra bi kliemha jew bl-imġiba tagħha.

Mill-provi jirriżulta primarjament li żewġ persuni jħossu li ħajjithom saret infern jew bit-tisbit taż-żiemel jew bl-irwejjaħ li jħalli ż-żiemel meta jaqdi l-ħtiġijiet naturali tiegħu.

Il-Qorti mhix tal-fehma li dan l-artikolu japplika għal dawn l-inkonvenjenti għaliex huwa intiż għal sitwazzjonijiet totalment differenti.

Ma nġabet ebda prova li tikkostitwixxi l-elementi ta’ dan l-artikolu. Jekk kultant kien hemm xi ‘ġlieda’ dan ma jfissirx li din taqa’ taħt dan l-artikolu.

---

[2] Archbold 19-277 page 1689 2003

Għalhekk il-Qorti  qed tillibera lill-imputati mit-tmien imputazzjoni.

Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-24 t'April, 2012 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti eżaminat l-imputazzjonijiet kollha imqar jekk waqt it-trattazzjoni kien intqal li ż-żiemel tneħħa.  F'art żgħira fejn kulħadd jaf 'il xulxin irid isir sforz biex kulħadd jagħmel ħiltu kollha ħalli jgħix f'armonija ma' kulħadd.  Aktar ma jkun hemm rispett lejn xulxin, aktar hemm sinjal ta' ċivilta'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------